MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta ta' l-24 ta' Gunju, 2014

Numru. 165/2013

**Artikoli 49, 50, 284, 285 u 289 tal-Kapitolu 9**

**tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Maġistrat**

**Dottor Consuelo Scerri Herrera LL.D. DIP. MATR. (Can)**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Jurgen Vella)**

**vs**

**WAYNE DELIA**

**Il-Qorti,**

Rat li l-imputat **WAYNE DELIA** ta' 25 sena, bin Martin u Mandy nee' Warner, imwieled Pieta' fil-21 ta' Novembru, 1985 u residenti 'Farmhouse A', Vjal Santa Lucija, Paola, jew 24, Triq ir-Ramla, Zejtun u detentur tal-karta tal-identita' numru 574785(M) gie mressaq quddiemha u akkuzat talli:

1. nhar l-14 ta' Frar, 2013 b'diversi atti maghmulin f'hinijiet differenti, ikkommetta serq ta' oggetti mill-istabiliment Cartrers Supermarket li jinstab gewwa triq Hal Luqa, Rahal Gdid, liema valur ma jeccedix il-mitejn u tnejn u tletin Euro u erbgha u disghin Euro centezmu (€232.94) liema serq sar ghal detriment ta' Joseph Busuttil u/jew persuni ohra.

2. Talli ukoll fl-istess dati, hinijiet, lok u cirkostanzi naqas milli jhares xi wahda mill-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) mill-Magistrat Dr. A. Micallef Trigona LL.D fid-digriet tieghu

datat 23 ta' Jannar, 2013 li bih ta l-helsien mill-arest taht garanzija personali.

3. Fl-istess dati, hinijiet, lok u cirkostanzi rrenda ruhu ricediv ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta wara li huwa ga gie misjub hati permezz ta' diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat id-dokumenti kollha esebiti fosthom fedina penali tal-imputat immarkata bhala Dok. A a fol. 5 et seq, okkorrenza mmarkata bhala Dok. B a fol. 11 u 12, stqarrija mmarkata bhala Dok. C a fol.13 u 14 u estratt mill-att tat-twelid tal-imputat immarkat bhala Dok. D a fol. 15 tal-Process.

Illi din il-kawza giet moghtija lil din il-Qorti kif preseduta b'digriet ta' assenjazzjoni mis-Sinjurija Tieghu Prim Imhallef datat 21 ta' April, 2014.

Illi din il-kawza giet appuntata ghall-ewwel darba quddiemha kif preseduta 14 ta' Mejju, 2014 fejn ma gie registrat l-ebda progress u l-kawza giet differita ghal-lum.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat kif registrata waqt is-seduta tal-erbgha u ghoxrin (24) ta' Gunju 2014 u ghalhekk, fuq tali ammissjoni

l-Qorti m'ghandhiex triq ohra salv li ssibu hati tal-akkuzi kif dedotti kontra tieghu mill-prosekuzzjoni.

Il-Qorti wissiet lill-istess imputat b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u tatu zmien xieraq biex jekk ried, seta' rega' lura minnha u fil-fatt l-ammissjoni tieghu giet registrata fl-atti ta' din il-kawza fl-istess seduta tal-erbgha u ghoxrin (24) ta' Gunju 2014.

Il-Qorti rat illi l-ammont tas-serqa in kwistjoni huwa wiehed de minimis fosthom xi gellijiet, blades u aftershave fl-ammont ta' €168.95. Rat ukoll dak li gie mistqarr fis-seduta tal-lum mill-imputat viva voce illi missieru xtaq jaghmel tajjeb ghal valur tas-serqa pero' s-sidien tal-Carters Supermarket irrinunzjaw li jigu kkumpensati.

Rat pero' illi apparti l-imputat huwa akkuzat bis-serqa huwa akkuzat ukoll talli naqas li josserva kundizzjoni mposta fuqu mill-Qorti tal-Magistrati fid-digriet taghha meta nghata l-liberta provizorja. Il-Qorti tikkonsidra dan il-ksur bhala wiehed serju u dan ghaliex ikun naqas mill-fiducja li huwa kellu jaghti lill-Qorti. Konsegwentement f'dawn ic-cirkostanzi u cioe' li l-imputat naqas li josserva kundizzjoni tad-digriet moghti lilu fil-liberta provizorja u tal-fatt li rregistra ammissjoni dwar l-akkuza ta' serq u tal-fatt li huwa ricediv il-Qorti thoss li ghandha timponi piena karcerarja.

**Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-Artikoli tal-Ligi, u cioe' l- Artikoli 49, 50, 284, 285 u 289 tal-Kapitolu 9, tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tiddikjara li ssib lill-imputat WAYNE DELIA hati tal-akkuza u tiddeciedi li tikkundannah piena ta' tlett xhur prigunerija.**

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------